Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2004

Numru 10/1999

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Etienne Carter**

Il-Qorti:

Rat is-sentenza moghtija fit-12 ta' Dicembru 2001 mill-Qorti Kriminali li tghid hekk:

"Il-Qorti:

Rat l-Att ta’ Akkuza 10/1999;

Rat il-verdett moghti fis-seduta tal-bierah, il-11 ta' Dicembru, 2001, li bih il-gurati sabu lil Etienne Carter (a) unanimament hati ta' l-akkuza taht l-Ewwel Kap, (b) bi tmien (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra hati ta' l-akkuza taht it-Tieni Kap, (c) unanimament hati ta' l-akkuza taht it-Tielet Kap, u (d) unanimament hati ta' l-akkuza taht ir-Raba Kap;

Tiddikjara ghalhekk lil Etienne Carter hati talli:

1. Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, b'dan li l-hwejjeg kienu gejjin minn serq u l-valur taghhom kien ta' aktar minn Lm1000, u kien aggravat bil-mezz, bix-xorta ta' haga misruqa, kif ukoll bic-cirkostanza li bhala Ufficjal jew Impjegat Pubbliku, sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu hu kellu d-dmir li jimpedixxi.

2. Dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt, b'dan ukoll li bhala Ufficjal jew Impjegat Pubbliku sar hati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi.

3. Bhala komplici fid-delitt ta' hsara volontarja fi propjeta` mobbli, u cioe` talli b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat jew ikkunsmat, u talli xewwex lil haddiehor inkella sahhah il-volonta` tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew wieghed li wara l-fatt jassistieh, jieqaf mieghu jew jikkompensah, b'dan li l-ammont tal-hsara kien izjed minn hames mitt lira Maltin, u b'dan ukoll li bhala Ufficjal jew Impjegat Pubbliku, sar hati ta' reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu hu kellu d-dmir li jimpedixxi.

4. Minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f'xi fond arma tan-nar jew munizzjon, b'dan li bhala Ufficjal jew Impjegat Pubbliku, sar hati ta' reat li huwa kellu

jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu hu kellu d-dmir li jimpedixxi.

Semghet lix-xhieda prodotti kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll dawk prodotti mid-difiza, jixhdu bil-gurament ghall-fini tal-piena, u dan fis-seduta tal-lum.

Semghet wkoll lill-Avukat Difensur Dr. Michael Sciriha w lill-Avukat Prosekutur Dr. Mark Said jittrattaw dwar il-piena.

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi partikolari kollha relattivi ghal dan il-kaz, u partikolarment is-segwenti:

1. Illi l-kwadru kollu li hareg minn dak li gara fl-20 ta' Marzu, 1999, meta saru d-delitti li taghhom Etienne Carter instab u gie ddikjarat hati taht l-Ewwel, it-Tieni w it-Tielet Kap, juri stampa cara ta' tragedja gravi li laqtet zewg familji, dik tal-hati u xejn anqas dik tal-vittma Mark Farrugia.

2. Illi kemm il-hati Etienne Carter, kif ukoll il-vittma Mark Farrugia, it-tnejn kienu pulizija kollegi, stazzjonati fl-istess ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid fiz-zmien ta' l-akkadut, it-tnejn li huma fl-eta` tenera ta' madwar ghoxrin sena, bi ftit snin ta' esperjenza bhala membri fil-Korp tal-Pulizija.

3. Illi ma hemm ebda dubju li l-hati Etienne Carter, ghal madwar sitt xhur qabel l-20 ta' Marzu, 1999, kien qed isib ruhu f'sitwazzjonijiet serji hafna, dan billi sar midhla ta' certu klikka ta' nies, li maz-zmien din hakmitu w ddominatu b'certu mod tant li l-karattru, il-komportament u l-attitudni tieghu versu l-istess familjari tieghu, inbiddlet drastikament minn iben ideali u ezemplari ghal wiehed kompletament l-oppost.

4. Illi dan il-bdil f'dan il-komportament generali tal-hati jirrizulta mir-rapport tat-tliet tobba psikjatri nominati minn din il-Qorti li ghalkemm waslu ghall-konkluzzjoni li f'dawk iz-zminijiet Etienne Carter ma kienx qed isofri minn xi mard mentali jew li kien fi stat ta' genn f'termini legali,

pero` xorta kkonkludew li kienu nnotaw li fiz-zminijiet imsemmija, hu kien qieghed taht influwenza u pressjoni minn certi nies li holqulu ansjeta` u inkwiet, u li dawn setghu kellhom effetti negattivi fuq l-istat mentali tieghu.

5. Illi hu evidenti li Etienne Carter sab ruhu f'din is-sitwazzjoni inkwetanti, aktar minhabba l-immaturita`, eta` zghira u debulizza ta' karattru w rieda soda, tieghu milli ghal kull raguni ohra.

6. Illi, mill-banda l-ohra, ghandu jigi konsidrat wkoll li kien Etienne Carter wahdu, minghajr hadd ma gieghlu, b'ghazla libera tieghu stess, li ghogbu jindieghes f'din il-klikka ta' hbieb fejn, kif qal hu fix-xiehda tieghu, ghall-ewwel kollox kien jidher sabih, u wara tant sab ruhu imdeffes f'dik is-sitwazzjoni li ma setax johrog minnha.

7. Illi f'dan il-kuntest ghandu jigi konsidrat wkoll li fiz-zminijiet in kwistjoni, Etienne Carter gja` kien ilu xi sentejn pulizija, bid-dmirijiet u doveri li dik il-kariga timponi fuqu, izda hu naqas minn dawk l-obbligi f'dak li ghamel bhala fatt, u dan in-nuqqas tieghu hu cirkostanza aggravanti li b'mod tassattiv twassal ghal zieda fil-piena bi grad.

8. Illi ciononostante, il-Qorti tifhem sewwa c-cirkostanzi li Etienne Carter sab ruhu fihom u tinsab konfortata f'dan il-hsieb taghha b'dak li kkonkludew it-tliet tobba psikjatri u ghalhekk hi sejra tikkunsidra dawn il-fatturi meta tigi biex tara liema piena, fic-cirkostanzi, hi l-aktar wahda adegwata.

9. Illi, mill-banda l-ohra, u mill-aspett ta' bilanc li l-Qorti thoss li ghandu jintlahaq kemm jista' jkun f'dan il-kaz, il-Qorti ma tistax tinsa' ghall-mument jew/u li ma tharisx l-interessi tal-vittma Mark Farrugia li miet hesrem b'dan il-mod tant krudili, kif ukoll tal-familjari tieghu li ghalihom din il-mewt hekk tragika ta' iben ezemplari u dedikat ghal xoghlu ser jibqghu igorruha ghal hajjithom kollha.

10. Illi f'dan il-kuntest, l-ebda piena massima li din il-Qorti hi awtorizzata mil-ligi li tista' tinfliggi f'dan il-kaz, ma hi qatt sejra b'xi mod tikkompensa jew tkun xi forma ta'

konsolazzjoni xierqa lill-familjari tal-vittma Mark Farrugia in kambju ghal hajtu.

11. Qieset ukoll il-verdett tal-gurati fl-erba' Kapi fejn fi tliet Kapi hu wiehed unanimu u fl-iehor, dak li jirreferi ghad-delitt principali u l-aktar gravi, l-omicidju volontarju, hu kwazi unanimu b'tmien (8) voti favur li jsibu lil Etienne Carter hati ta' dan id-delitt u wiehed kontra, u allura l-Qorti ghandha tirrispetta dan il-verdett qawwi tal-gurati fil-piena li ghandha taghti.

12. Qieset ukoll mill-banda l-ohra, li tmien gurati minn disgha w ghalhekk ukoll kwazi unanimament, talbu lil din il-Qorti li turi l-hniena w klemenza taghha fil-piena li taghti.

13. Hadet konjizzjoni u kkunsidrat kull haga ohra li thoss hi rilevanti f'dan il-kaz, inkluza din it-talba tal-gurati li hi, fid-dawl ta' dak kollu fuq imsemmi, sejra tikkonsidra favorevolment sabiex ma tigix inflitta l-piena massima f'dan il-kaz li f'cirkostanzi ohra, setghet tkun dik xierqa in vista tal-verdett kif inghata mill-gurati, aktar u aktar meta hemm ic-cirkustanza aggravanti li dawn id-delitti gew kommessi mill-hati waqt li kien pulizija.

Rat l-Artikolu, 334(a), 335, 261 (b) (c) (g), 263 (a), 264 (1), 267, 271 (g), 278 (2) (3), 279 (b), 280, 17, 17 (b) dwar il-konkors ta' reati u pieni, 141, 23, 31, 211 (1) (2), 325 (a), 42 (d) (e), 43, 44, 45, 46, u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikoli 3 (1), 19, 23 u 27 tal-Kap. 66.

Tiddeciedi billi tikkundanna lil Etienne Carter ghal tnejn u ghoxrin sena prigunerija, bit-tnaqqis ta' kull zmien li kien taht arrest preventiv in konessjoni ma' dan il-kaz.

Tikkundannah wkoll ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' Lm1369.39 ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 pagabbli skond il-ligi.

Tordna l-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti fl-atti."

Rat li minn din is-sentenza l-imsemmi Etienne Carter interpona appell permezz ta' rikors ta' appell tieghu datat 21 ta' Dicembru 2001, u dan billi hassu aggravat mid-decizjoni, li bih talab li din il-Qorti (1) thassar il-verdett ta' htija u tordna li jigu registrati sentenza u verdett ta' liberazzjoni; jew (2) alternattivament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, tiddisponi minn dan l-appell ai termini ta' l-artikolu 502 tal-Kap.9; jew (3) alternattivament u minghajr pregudizzju ghat-talbiet precedenti, jigi kkunsidrat temperament fis-sentenza moghtija billi tigi mposta piena aktar ekwa, gusta, proporzjonata u bilancjata ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant jghid li l-aggravji tieghu jikkonsistu "fil-fatt illi kien hemm irregolarita` matul il-kawza, kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li seta' kellha influwenza fuq il-verdett, u li gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza."

L-ewwel zewg aggravji msemmija effettivament jirrigwardaw id-decizjoni li ttiehdet mill-Qorti Kriminali li l-guri ta' l-appellant isir kif skedat nonostante talba tieghu ghal differiment sabiex, skond l-istess appellant, allura akkuzat, jigi assikurat kemm jista' jkun smiegh xieraq. Din it-talba saret peress li, filwaqt li l-guri kien skedat ghad-19 ta' Novembru 2001, ftit granet qabel, u cioe` fit-12 ta' Novembru, kien sehh il-qtil ta' kuntistabbli iehor tal-pulizija, P.C. 949 Roger Debattista, waqt li kien fil-qadi ta' dmirijietu. L-appellant jghid li ghalkemm japprezza li dak id-delitt ma kien bl-ebda mod marbut mal-kaz tieghu, huwa genwinament hass li ma seta' qatt ikollu smiegh xieraq waqt il-guri. U jkompli:

"Minnufih jigi osservat li minhabba t-talba kif imposta fir-rikors ta' l-esponent, l-Onorabbli Qorti Kriminali kellha taghmel enuncjazzjoni tal-ligi - dwar is-smiegh xieraq. Hija

b'din l-enuncjazzjoni, li b'kull rispett l-esponent jirrileva tammonta ghal interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi li finalment kellha influwenza fuq il-verdett, li l-esponent ihoss li gie aggravat.

L-esponent allega li ma setax ikollu smiegh xieraq. Bil-gurija li kellha tigi komposta minn cittadini maghzula minn fost il-komunita` Maltija, komunita` li kienet ghadha mahsuda bil-qtil brutali ta' Kuntistabbli, l-esponent umilment emmen li l-pregudizzju kien manifest u l-hsara ghad-drittijiet tieghu kienet vizibbli, tangibbli, u jekk tithalla ssir, tkun irreparabbli. Il-minimu li huwa talab kien sabiex il-guri tieghu jitqieghed f'data ohra fejn almenu jkun jidher b'mod tangibbli li s-socjeta` in generali ma tkunx taht xi effett ovvju ta' disgrazzja simili ghall-mertu tal-kaz ta' l-esponent.

Il-gurat, l-imhallef tal-fatt, huwa bniedem li ftit li xejn jista' facilment jiddistakka ruhu mic-cirkostanzi ta' madwaru, specjalment meta s-socjeta`, li minnha l-gurat jifforma parti, tigi milquta f'gheruq taghha. Ukoll, fatt mhux kontradett, hu illi l-gurat huwa b'kull rispett, bniedem mhux imharreg fil-ligi, bla ebda tahrig ta' kif ghandu jhares u jizen il-fatti b'mohh legali. Mhux bizzejjed li jkollok l-Onorevoli Mhallef li jippresjedi l-guri li jidderigihom u jfehemhom li ghandhom jinsew dak li raw u semghu - ghax il-kondizzjonament f'mohh l-individwu, nieqes minn kull tahrig fid-dritt, huwa tqil u ta' piz bizzejjed biex iwassal ghal pregudizzju potenzjali.

L-esponent pero`, u minghajr ekwivoku, jaghmilha cara illi huwa japprezza l-isforzi evidenti ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali, kemm fil-bidu kif ukoll fl-indirizz tal-guri, li tfiehem u tidderigi lill-gurati dwar l-irrelevanza tac-cirkostanzi ta' madwarhom, dwar x'semghu u x'raw in konnessjoni mal-qtil ta' P.C. 949 Martin [**recte:** Roger] Debattista. Izda kien l-aspett kundannatorju li konsegwentement hakem lil dan il-pajjiz zghir taghna, u li eskala ruhu proprju fis-sieghat qabel beda l-guri ta' l-esponent, li effettivament u indubbjament ma halliex lill-gurati fis-serenita` u l-armonija tal-hsieb meta kienu qeghdin isegwu l-guri u konsegwentement jiddeliberaw

dwar verdett li wkoll kien jinvolvi l-omicidju ta' Kuntistabbli tal-Pulizija - P.C. 525 Mark Farrugia.

Kien minhabba dan il-periklu vizibbli u evidenti li b'kull rispett l-Onorabbli Qorti Kriminali kellha thares u tassigura b'mod effettiv id-dritt ta' l-esponent ghal smiegh xieraq billi tiffissa data ohra. Kuntrarjament ghal kif kellu legittimament isehh, l-ewwel Onorabbli Qorti waslet sabiex thalli l-guri fl-ismijiet premessi jsir, dan wara, b'kull rispett, interpretazzjoni u konsegwentement applikazzjoni zbaljata tal-ligi, li per konsegwenza kellha effett u influwenza fuq il-verdett tal-11 ta' Dicembru 2001."

It-talba kontenuta fir-rikors li l-appellant ipprezenta ghall-konsiderazzjoni tal-Qorti Kriminali fil-15 ta' Novembru 2001 giet opposta mill-Avukat Generali permezz ta' risposta pprezentata fl-istess gurnata. B'digriet tad-19 ta' Novembru 2001, l-ewwel Qorti osservat:

"Illi l-akkuzat rikorrent Etienne Carter qed jibbaza din it-talba tieghu ghal differiment ta’ dawn il-proceduri minhabba dak li hu qed isejjah il-vuci ta kundanna u stmerrija, u ta’ l-agha kollha fil-gurnali u fil-mezzi l-ohra tax-xandir minnhabb l-omicidju ta’ kuntistabbli waqt il-qadi ta’dmirijietu ftit tal-granet ilu, precizament fit-12 ta' Novembru, 2001. Hu jattribwixxi in-nuqqas ta’smigh xieraq fil-proceduri kontrih minhabba din l-atmosfera kollha, u li minhabba fiha, skond hu, il-gurija li ghad trid tigi maghzula, u li hi komposta minn umani mhix sejra tkun f’posizzjoni li tiddistakka ruhha minn din l-atmostera generali ta' kundanna ghal dak id-delitt u lejn min wettqu, u mis-simpatija li s-socjeta` ghandha f’mumenti bhal dawn lejn il-vittma u/jew il-familjari taghha.

L-akkuzat rikorrent, li wkoll inzerta huwa kuntistabbli, u li hu akkuzat bil-qtil volontarju ta’ kuntistabbli iehor bhalu, bhal dak li inqatel tit-12 ta’ Novembru, 2001 jissottometti li f'cirkostanzi w atmosfera bhal din ma jistax ikollu smigh xieraq kif sancit bil-ligi",

u cahdet it-talba ta' l-appellant wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"Illi preliminarjament ghandu jinghad li dan il-guri ilu appuntat biex jibda jinstema' llum mit-8 ta' Mejju, 2001, liema appuntament sar bi qbil maz-zewg nahat koncernati, u dan anke wara li gja' kien hemm dati ohra precedenti fejn kellu jibda s-smigh tieghu, izda gie differit. Dan ifisser, bhal ma dejjem isir fil-kazijiet ta' gurijiet li, kif hu ben saput, gja hemm diffikulta` enormi biex jinstabu dati komdi ghal kulhadd biex dawn jigu appuntati, li minn xi zmien sew qabel id-data skedata tad-19 ta' Novembru, 2001, din il-Qorti tkun gja lahqet ghamlet l-arrangjamenti kollha taghha kemm ghal dak li hu l-kalendarju tax-xoghol taghha, kif ukoll ghal dik li hi l-parti amministrattiva taghha permezz tar-registratur u ufficcjali ohra adetti maghha, u, ghalhekk, minn zmien konsiderevoli qabel id-data tas-smigh tal-guri, gja` jkunu saru dawk il-preparamenti kollha normalment mehtiega li jinvolvu ammont ta' spejjez sostanzjali ghall-erarju pubbliku. Dan apparti l-fatt li f'dan il-kaz, bhal kull guri iehor skedat, gja` minn zmien ilu gew imharrkin numru konsiderevoli ta' xhieda, kif ukoll numru kbir ta' persuni gejjin mid-diversi oqsma tas-socjeta` Maltija biex minnhom tintghazel il-gurija, ilkoll biex jidhru quddiem din il-Qorti f'dawn il-granet ghal dan il-guri. Ma hemm ebda dubju, mela, li dawn il-preparamenti kollha, inkluza d-diffikulta` sabiex jigi appuntat guri, fatti dawn li probabbilment is-socjeta` Maltija ma tkunx taf bihom ghaliex huma haga interna li jikkoncernaw lill-Qorti u l-amministrazzjoni taghha, jinvolvu spejjez kbar u hafna hin.

Illi, minkejja dan kollu li ntqal, u minkejja r-ragunijiet imsemmija, din il-Qorti xorta kienet tasal biex tiddifferixxi xi proceduri jekk verament u konxjenzjosament thoss li jkun hemm xi ragunijiet validi legalment biex taghmel hekk. Iridu jkunu ragunijiet legalment ammissibbli u li tassew jew realment jezistu, u mhux x'jista ipotetikament jigri.

Issa, fil-kaz prezenti, partikolarment b'riferenza ghad-delitt li gara f'dawn il-granet fit-12 ta'Novembru, 2001, b'dak li qed jghid u jissottometti l-akkuzat rikorrent bhala ragunijiet l-ghaliex il-guri tieghu ghandu jigi differit, hu gja`, u aprijoristikament, qed juri nuqqas ta' fiducja fis-sistema

penali Maltija ghal dik li hija smigh bil-guri. Dan mhux accettabbli. Wiehed ma jistax jipprevedi nuqqas ta' smigh xieraq ghaliex dan, cioe`, in-nuqqas ta' smigh xieraq irid ikun wiehed effettiv, cioe` li tassew irrizulta u kien hemm dak l-effett. Huwa perikoluz li wiehed jaccetta tali supposizzjoni bhala xi haga reali jew fattwali, u li in bazi taghha tintlaqa' talba ghall-differiment, ghaliex jekk din tigi accettata, ikun inholoq precedent li potenzjalment jista' jaghti lok ghal abbuz sabiex gurijiet ta' kwalunkwe natura jew xorta, hu x'inhu l-meritu, jigu differiti minghajr bazi jew ragunijiet legalment ammissibbli.

Il-Ligi taghna, inkluza l-Kostituzzjoni ta'Malta, tipprovdi diversi salvagwardji sabiex jigi assigurat li kull akkuzat, **<u>dejjem prezunt innocenti</u>**, jinghata smigh xieraq. Fil-kaz prezenti, u kif sewwa osserva l-Avukat Generali, fattwalment ma hemm ebda konnessjoni bejn il-fatti f'dan il-kaz u l-fatti ta' l-incident tat-12 ta' Novembru, 2001, u dan la direttament u lanqas indirettament. Il-fatt li fiz-zewg kazijiet inzerta li l-vittma hi pulizija bla ebda mod ma jincidi fuq dawn is-salvagwardji ghall-smigh xieraq li hu dritt fondamentali garantit lil kull akkuzat kif inghad.

Issa, ghall-osservazzjoni ta' l-akkuzat rikorrent li jilmenta mill-atmosfera prezenti fis-socjeta` Maltija wara l-incident tat-12 ta'Novembru, 2001, ghandu jinghad li mill-aspett legali, il-fatt biss ta' rapporti fil-media dwar dan l-incident, anke jekk bi prominenza u konsistenza aktar minn kazijiet ohra, bla ebda mod ma jista' jincidi, wahdu, fuq il-presunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzat garantita lilu bhala wahda mis-salvagwardji sanciti mil-ligi w l-Kostituzzjoni ta' Malta, hlief, ovvjament, meta tali rapporti b'xi mod jesprimu xi opinjoni arbitrarja w avversa ghall-akkuzat f'xi zmien qabel jew vicin hafna s-smigh tal-guri tieghu.

Il-Qorti tifhem u tapprezza dawn l-ilmenti ta' l-akkuzat, u hu propju ghalhekk, u dan mhux f'dan il-kaz biss izda dejjem u f'kull kaz fejn hemm, partikolarment, smigh bil-guri, li l-ligi stess tipprovdi ghal dawn is-sitwazzjonijiet billi timponi l-obbligu fuq il-Qorti li taghti dawk id-direttivi w istruzzjonijiet kollha mehtiega w necessarji biex il-gurija, l-Imhallfin tal-Fatt, fl-ebda mument ma jhallu lilhom

infushom jigu b'xi mod impressjonati, influwenzati jew pregjudikati b'xi fatti li setghu kienu jafu bihom, jew semghu bihom jew rawhom jigru, jew qraw dwarhom u li kienu graw qabel is-smigh ta' dawn il-proceduri. F'dan ir-rigward, bizzejjed issir riferenza ghad-dicitura tal-gurament li kull persuna, elevata fil-kariga ta' Imhallef tal-Fatt, tiehu ezattament wara dik il-hatra u preciz qabel ma jibda s-smigh tal-guri bil-qari ta' l-Att ta'Akkuza lill-gurija.

Jigi rilevat ukoll li jekk il-Qorti tasal biex tilqa' t-talba tar-rikorrent akkuzat in bazi tar-ragunijiet imressqa minnu, dan effettivament ikun ifisser li l-Qorti stess, anke f'dan l-istadju bikri qabel ma tigi maghzula l-gurija, tkun qed tippronunzja ruhha bhala li m'ghandhiex fiducja fil-gurija li ghad trid tigi ffurmata fil-qadi tal-funzjonijiet taghha skond il-ligi, haga li certament din il-Qorti qatt ma ser tasal li taghmel.

Illi certament din il-Qorti tirrikonoxxi d-dritt fondamentali ta' kull akkuzat li jkollu smigh xieraq. Fuq dan ma hemm assolutament ebda kontestazzjoni jew dubju. U hu propju ghalhekk li l-ligi pprovdiet il-mekkanizmi kollha mehtiega u tathom lill-Qrati sabiex jigi assigurat dejjem li dan id-dritt jigi skrupolozament imhares u mwettaq fil-prattika. Huma dawn il-mekkanizmi li, ghalhekk, jiggarantixxu u sejrin jiggarantixxu fil-prattika, li f'dan il-kaz, bhal, 'del resto' f'kull kaz iehor, hu x'inhu l-meritu, hu min hu l-akkuzat, hi min hi l-vittma, dan id-dritt ta' l-akkuzat li jkollu smigh xieraq ser jigi osservat u mantenut b'mod tangibbli. Il-gustizzja trid issir u tidher fir-realta` li qed issir, u dan kemm fl-interess ta l-akkuzat, kif ukoll fl-interess tas-socjeta` u, xejn anqas, fl-interess ta' l-istess vittma u tal-familjari taghha. Dan hu l-bilanc li l-ligi trid li jinholoq f'kull process, u ghalhekk hemm dawn is-salvagwardji sanciti bil-Kostituzzjoni ta'Malta. Huwa propju ghalhekk minhabba dawn is-salvagwardji mposti mil-ligi li r-ragunijiet imressqa mill-akkuzat rikorrent biex jissostanzja t-talba tieghu ghal differiment tal-guri ma jistghux jigu ammessi.

Jigi rilevat ukoll li l-Qorti trid tassocja ruhha bis-shih ma' dak li osserva l-Avukat Generali fl-ahhar paragrafu tar-risposta tieghu w tiddikjara minn issa li mill-bidu nett ta'

dawn il-proceduri, illum stess, appena l-gurija tigi komposta, hi sejra tenfasizza mal-gurija l-obbligu taghha, u dan skond il-gurament li tkun appena hadet, li xejn minn dak li gara ricentement m'ghandu b'xi mod jinfluwenzaha fil-qadi tal-funzjonijiet taghha, bla ebda mod ma johloq fiha xi forma ta' pregjudizzju kemm kontra jew favur l-akkuzat, u li hi trid tiddistakka ruhha kompletament minn dawk il-fatti w minn dak kollu li gara jew qed jigri barra minn din l-Awla. Il-Qorti sejra tenfasizza mal-gurija li, in bazi tal-gurament li tkun hadet, hi obbligata bil-ligi li skrupolozament trid tosserva l-principju bazilari tal-presunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzat, u trid tistrieh u tiddeciedi biss u esklussivament in bazi tal-fatti li jemergu mill-provi li sejrin jitressqu f'dawn il-proceduri matul il-granet li jkun ghaddej is-smigh ta dan il-guri. Sejjer jigi enfasizzat lill-gurija li obbligata tiskarta kompletament kull haga li ma ghandha x'taqsam assolutament xejn ma' dan il-guri. Din il-Qorti ghandha fiducja shiha fil-gurija w sejra taghmel minn kollox biex tara u tassigura li s-serenita` tal-gudizzju mehtieg fil-qadi tal-funzjonijiet tal-gurija tigi effettivament imharsa, preservata w prattikata bl-osservanza stretta tas-salvagwardji kollha li tipprovdi l-ligi favur kull akkuzat biex ikun garantit lilu smigh xieraq skond l-ligi w l-Kostituzzjoni ta'Malta."

Din il-Qorti (il-Qorti ta' Appell Kriminali) mhijiex imsejha mill-appellant biex tiddetermina jekk kienx hemm o meno ksur ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew ta' l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Lanqas ma huwa l-appellant iqajjem jew iqanqal xi "kwistjoni" li tirrikjedi xi referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. L-appellant qieghed semplicement jghid li huwa gie aggravat bl-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti tal-kuncett ta' "smiegh xieraq" meta ddecidiet li tipprocedi bil-guri nonostante dak li kien gara ftit jiem qabel. Din il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni ta' l-appellant peress illi l-iskop kollu tas-salvagwardji kollha ezistenti fil-process kriminali huwa proprju li, sa fejn hu possibbli, jigi eliminat kull pregudizzju li jista' jezisti kontra l-akkuzat f'mohh min ghandu jiggudikah. Dak li din il-Qorti ta' l-Appell hi tenuta li taghmel ghalhekk hu li tezamina jekk ittihdux dawk il-mizuri mehtiega biex jigi assigurat li ma saret l-ebda

amministrazzjoni hazina tal-gustizzja. Fl-istess hin tajjeb li wiehed jirreferi ghal dak li jghidu l-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick fil-ktieb taghhom **Law of the European Convention on Human Rights** (Butterworths, 1995, pagna 216) dwar il-kwistjoni ta' *prejudicial publicity*. Huwa veru li dak li jghidu dawn l-awturi jirreferi pjuttost ghall-pubblicita` dwar il-process kriminali jew il-kaz kontra l-akkuzat stess, izda ghandu jitqies applikabbli wkoll fejn il-pubblicita` tirrigwarda persuna u cirkostanzi differenti izda simili:

**"Where a jury trial occurs in a criminal case, the guarantee of a 'fair trial' may be infringed by a 'virulent press campaign against the accused', which influences the jurors. However, the Commission has set several limits to the application of this principle which together help to explain why, despite the great publicity that sometimes attends trials, no case has been admitted on the merits on this basis. The test would appear to be a subjective one, requiring proof of a prejudicial effect upon a jury in fact, rather than just an indication that it is likely. Moreover, where a national appeal court does not consider that the trial has been unfair, the Commission is unlikely to find otherwise. It also has to be borne in mind that some press comment on a trial involving a matter of public interest must be expected. Moreover, the effect of prejudicial comment may be countered by the judge's direction to the jury to discount it. Finally, it may be that state involvement in the generation of the publicity is necessary for it to be responsible for any resulting prejudice."**

Fil-kawza kostituzzjonali fl-ismijiet **Meinrad Calleja v. Avukat Generali et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Gunju 2003 fejn l-appellant f'dik il-kawza allega li minhabba pubblicita` esagerata u avversa li nghata lill-kaz tieghu fil-*media* lokali huwa ma kienx ser ikollu imparzjalita` fil-process tieghu min-naha tal-gurati, intqal hekk:

**"Dwar dan it-tieni u l-ahhar aggravju ta' l-appellant, din il-Qorti hija tal-fehma li, tenut kont tal-fatt li Malta huwa pajjiz hieles u demokratiku, il-liberta` ta' l-istampa u tax-xandir mhux biss jikkostitwixxi dritt fondamentali mnaqqax fil-Kostituzzjoni taghna imma dan id-dritt jinsab imqieghed fil-prattika ghaliex il-*'media'* u l-gurnalizmu lokali huwa qasam haj u attiv ferm. Il-Qorti hadet l-izbriga li tezamina l-artikli minn gurnali lokali u l-materjal l-iehor li gie esebit mill-appellant u hija tal-fehma li ghalkemm il-kitbiet u l-istqarrijiet li saru dwar il-kaz u l-kazijiet l-ohra relatati mieghu huma akkaniti u kkargati sew, xorta wahda ma jidhrilhiex li hemm il-prova li b'daqstant il-gurati - li sal-lum ghadhom lanqas biss intghazlu - gew ippregudikati irrimedjabilment. <u>Dan apparti konsiderazzjonijiet ohrajn li wiehed irid iqis, imsemmijin fis-sentenza appellata, bhalma hija d-direzzjoni li doverozament l-Imhallef li jkun qieghed jippresjedi l-guri jrid jaghti lill-gurati, bhala l-Imhallfin tal-fatti, fosthom dik li huma ghandhom jiskartaw u jwarrbu dak kollu li seta' nkiteb jew intqal fil-*'media'* u barra mill-Qorti dwar il-kaz.</u>"** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Huwa d-dmir tal-gurati li jiddeciedu fuq il-htija o meno tal-persuna li tkun quddiemhom fuq dak li jkun gie ppruvat fil-kors tal-guri biss. Din hija twissija li generalment il-Qorti Kriminali taghmel lill-gurati f'kull kaz. Inoltre kwalunkwe persuna normali li tkun giet maghzula bhala gurat tkun taf tiddistingwi bejn dak li setghet semghet qabel dwar il-kaz innifsu u dwar grajjiet ohra li jkunu sehhew fil-pajjiz, minn dak li jigi pruvat fil-kors tal-kawza, u tifforma l-opinjoni taghha unikament fuq il-provi li jitressqu fil-Qorti waqt il-guri.

F'dan il-kaz jirrizulta li s-salvagwardji kollha moghtija mil-ligi gew osservati, il-guri pproceda b'mod normali, u l-ewwel Qorti hadet il-prekawzjonijiet mehtiega biex il-gurati jifhmu li dak li sehh ftit granet qabel ma beda l-guri ma kellu x'jaqsam xejn mal-kaz li dwaru kienu msejhin biex jiddeciedu. Dan jammettieh l-appellant stess fir-rikors ta' appell tieghu. Bizzejjed hawn li ssir riferenza ghall-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri fejn enfasizza s-sinifikat tal-

gurament li l-gurati kienu hadu fil-bidu tal-guri, spjega d-dover taghhom li jaghmlu ricerka ghall-verita` a bazi tal-provi li semghu u raw f'dan il-kaz biss, u ddeskriva l-prezunzjoni ta' l-innocenza ta' l-akkuzat bhala salvagward li jassigura li persuna akkuzata jkollha smiegh xieraq. Sahansitra jirrizulta li fil-kors tal-guri, li dam sejjer ghal aktar minn tliet gimghat, wara li l-ewwel Qorti giet infurmata fit-28 ta' Novembru 2001 li fil-programm XARABANK li kien sejjer jixxandar il-Gimgha 30 ta' Novembru 2001 kien sejjer jigi trattat u diskuss suggett dwar delitti f'Malta partikolarment omicidji, fejn il-vittmi maqtula kienu membri fil-Korp tal-Pulizija, hija ordnat lill-PBS u lil kull min seta' jkun involut f'dan il-programm sabiex jaraw u jizguraw li l-imsemmi programm bl-imsemmi suggett ma jixxandarx kif ippjanat fuq l-istazzjoni TVM dakinhar u dan ghall-anqas sakemm jispicca l-guri.

Inoltre din il-Qorti difficilment tista' tifhem x'differenza, fil-prattika, kien ikun hemm, jew seta' jkun hemm, kieku s-smiegh tal-guri gie pospost b'xi granet, gimghat jew addirittura xhur. Ma kien hemm, u ma seta' jkun hemm, ebda garanzija li l-proceduri fir-rigward tal-persuna jew persuni li talvolta jigu akkuzati bil-misfatt fil-konfront tal-Kuntistabbli Debattista ma kinux ser jixxandru u jinghataw pubblicita` mill-*media* fil-granet, gimghat jew xhur wara l-akkadut. Fortunatament, il-kazijiet f'Malta ta' ufficjali tal-Pulizija li jinqatlu fil-kors tax-xoghol taghhom jew minhabba x-xoghol taghhom huma ftit u rari, u ghalhekk ma kien hemm ebda garanzija li meta l-kaz ta' l-appellant jerga' jigi biex jibda (kieku l-Qorti Kriminali laqghet it-talba ghal differiment) il-gurati ma kinux ser jirravvivaw fihom dawk l-emozzjonijiet kollha li huma kienu garrbu kif appena saru jafu bil-kaz ta' l-imsemmi Debattista. Ghandu jizdied ukoll li fil-kaz in dizamina ma jirrizultax - u anqas ma gie allegat - li f'dan il-kaz kien hemm xi pubblicita`, moghtija fil-*media*, li jista' jinghad li kienet *"prejudicial"* ghall-appellant jew ghall-kaz tieghu; kull ma kien hemm kien li gie rappurtat kaz ta' omicidju jew allegat omicidju iehor fejn il-vittma nzertat li kienet ufficjal tal-Pulizija. Ma jirrizultax, per ezempju, li saret ebda kampanja fil-*media* "kontra" dawn it-tipi ta' delitti, billi, per ezempju, issir talba ghal pieni aktar horox jew xi haga simili. Thares fejn

thares jibqa' l-fatt li l-uniku mod kif wiehed seta', b'mod prattiku izda ragjonevoli, jassigura sa fejn hu umanament possibbli smiegh xieraq f'cirkostanzi simili ghal dawk li kien hemm fil-bidu tal-guri *de quo* kien proprju billi japplika dawk il-mizuri procedurali kollha tal-process penali intizi proprju biex jassiguraw li l-gurati jiddeciedu, u jiddeciedu biss, fuq dak li jkunu semghu u raw fil-kors tal-guri u fuq xejn aktar. Fil-kaz *de quo* ma hemmx l-icken indikazzjoni li mhux hekk gara; li hemm huwa semplici suspett - suspett li din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti, tqisu bhala wiehed mhux fondat - li seta' ma jkunx hemm smiegh xieraq.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tarax kif l-appellant seta' sofra xi pregudizzju bid-decizjoni li hadet l-ewwel Qorti li tipprocedi bis-smiegh tal-guri, decizjoni li hija hadet u setghet fil-fatt tiehu, mhux biss fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni libera taghha izda anke b'interpretazzjoni korretta ta' dak li jikkoncerna smiegh xieraq; u dan ghamlitu wara li kienet irriflettiet sew fuq it-talba ta' l-appellant kif jidher car mid-digriet elaborat li hija tat.

Fil-kaz in ezami ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li d-decizjoni li ttiehdet mill-ewwel Qorti biex tipprocedi bis-smiegh tal-guri ma tammontax ghal "… irregolarita` … li seta' kellha influwenza fuq il-verdett" fis-sens tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 501 tal-Kodici Kriminali, u l-interpretazzjoni li hija tat ghall-kuncett ta' smiegh xieraq lanqas ma tammonta ghal "interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi, li seta' kellha influwenza fuq il-verdett" fis-sens ta' l-istess paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 501 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement l-ewwel Qorti kienet perfettament gustifikata li tipprocedi bis-smiegh tal-guri.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa michud.

Din il-Qorti issa sejra tghaddi biex tikkunsidra l-aggravju l-iehor ta' l-appellant, cioe` dak li huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti. Hawn qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi, u kif dejjem gie ritenut huwa principju stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk

tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the**

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

L-ewwel nett irid jigi ezaminat l-ilment ta' l-appellant li huwa qatt ma jmissu nstab hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu taht l-ewwel tliet kapi ta' l-att ta' akkuza peress illi l-

partecipazzjoni tieghu, kemm fil-fazi preparattiva kif ukoll f'dik esekuttiva tad-delitt, kienet eskluzivament attribwibbli ghal forza barranija da parti tal-persuna li saret riferenza ghaliha bhala "tal-bullets" u li l-appellant "ma kienx kapaci jirrezisti ghaliha". L-appellant isostni li ghandu jitqies ezenti mir-responsabbilta` kriminali a tenur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 33(b) tal-Kodici Kriminali[2]. Din effettivament kienet wahda mil-linji ta' difiza tieghu waqt il-guri. Jghid li kien ilu minn xi xhur qabel l-incident ta' l-20 ta' Marzu 1999 ghaddej minn taht pressjoni qawwija minn terzi persuni kif anke kkonkludew it-tobba psikjatri fir-rapport taghhom. Jirreferi ghax-xiehda li taw Mary Carter, Martin Carter u Marcon Pavia f'dan ir-rigward, kif ukoll ghax-xiehda tieghu stess, li kollha jikkonfermaw kif huwa kien gie totalment ikkapparrat, sottomess u umiljat minn terzi persuni li kien jitwerwer minnhom u, per konsegwenza, joqghod ghal dak kollu li jghidulu huma, inkluz li ma jirreagixxix ghal avvanzi sesswali li saru fuq l-gharusa tieghu fil-prezenza tieghu u sahansitra jobdihom meta jghidulu jhallihom wahedhom fil-karrozza maghha. L-appellant jghid li huwa bniedem bezziegh u fragli, u li dahal fil-Korp tal-Pulizija biex ma jibqax jissawwat anke mit-tfajliet. Mill-assjem tal-provi ghalhekk ghandu jirrizulta, dejjem skond l-appellant, sal-grad rikjest mil-ligi li l-forza barranija fuqu kienet tabilhaqq irrezistibbli ghalih u huwa ppartecipa fid-delitt kontra l-volonta` tieghu u fil-mumenti precedenti d-delitt huwa hassu *"at gun-point"*. Skond l-appellant, kieku kellu jinterrompi l-assistenza tieghu lil "tal-bullets", *"l-ghada kienu jigu l-funeral tieghi"*.

Sabiex tirnexxi din il-linja ta' difiza b'mod li jigi eskluz l-element formali tar-reat, iridu necessarjament jikkonkorru dawn ir-rekwiziti[3]:

L-ewwel nett trid tkun forza barranija <u>gejja minn haddiehor</u> u li tinnewtralizza kompletament il-volonta` tal-bniedem b'mod li twasslu jew iggieghlu jaghmel xi haga kontra l-

---

[2] L-artikolu 33(b) tal-Kap. 9 jipprovdi hekk: **"Kull persuna tkun ezenti minn responsabbilta` kriminali jekk fil-waqt ta' l-att jew tan-nuqqas - (b) kienet imgieghla b'forza barranija li ma setghetx tirrezisti ghaliha"**.
[3] Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Richard Gauci**, 13 ta' Settembru 2001.

volonta` tieghu, haga li fin-normalita` tal-hajja ma kienx altrimenti jaghmel.

Fit-tieni lok, trid tkun forza barranija li tigi ezercitata fuq bniedem mhux biss qabel ma hu jaghmel dak li jigi mgieghel li jaghmel kontra l-volonta` tieghu, izda trid tkun tibqa' tissussisti fil-waqt li hu qieghed effettivament iwettaq dak l-ghemil. Ghalhekk jekk fil-mument li jsir l-att materjali, ma hemmx din il-forza barranija, mhux eskluz l-element formali a bazi ta' l-artikolu 33(b).

Fit-tielet lok, din il-forza barranija gejja minn haddiehor trid tkun wahda irrezistibbli. Dan ifisser mhux semplicement li dak li jkun ma jipprovax jew ma jfittixx li jirrezistiha, jew li ma jaghmilx l-icken sforz biex jehles minn dik il-forza barranija biex ma jasalx jaghmel dak li qed jigi sfurzat li jaghmel, izda trid necessarjament tkun forza barranija li dak il-bniedem bl- ebda mod ma jista' jiqfilha, jirrezistiha, jehles minnha. Trid tkun forza barranija tassew irrezistibbli li bniedem ma jkunx kapaci li jirrezistiha. Dan l-element ta' l-irrezistibilita` tal-forza barranija, mela, hu element verament essenzjali u ferm importanti. Trid tkun forza barranija, ghalhekk, li bniedem verament ma jistax jirrezisti, u mhux xi forza li ma jipprovax jirrezisti. Kif jghid il-Professur Mamo, trid tkun forza *"truly irresistible and not merely unresisted"*.

Fir-raba' lok - u din hi, tista' tghid, pre-kondizzjoni biex il-forza barranija tista' titqies verament "irrezistibbli" u mhux semplicement "mhux rezistita" - il-forza barranija trid tkun ta' certa gravita` jew serjeta`, fis-sens li jekk l-agent ma jaghmilx dak li qed jigi kostrett jaghmel, il-konsegwenzi ghalih jew ghal haddiehor ikunu verament serji u gravi. Bhala regola, ghalhekk, xejn anqas mit-theddida tal-mewt jew ta' offiza gravi fuq il-persuna ma tista' titqies li tirrendi l-forza barranija "irrezistibbli". Mill-banda l-ohra wiehed irid jikkoncedi li l-mod kif forza barranija tigi apprezzata u valutata tista' tvarja minn persuna ghal ohra, u dan principalment minhabba l-kundizzjoni fizika u mentali, kif

ukoll l-eta`, ta' l-agent. Kif jispjegaw l-awturi Timothy Jones u Michael Christie[4]:

**"The basis of the defence of coercion in Scots law is that identified by Lord Hunter in *Thomson v. H. M. Advocate* (1983 J.C. 69 at p. 74) when he says 'that the will and the resolution of the accused must have been overborne by threats which he believed would be carried out so that he was not at the material time acting of his own free will.' Similarly, in *H. M. Advocate v. Docherty* ((1976) S.C.C.R. Supp. 146), Lord Keith told the Jury that:**

**'It can happen that the will of an individual is overborne by the will of another in certain circumstances so he is not acting of his own free will …. The essence of the matter is that the will of the accused should be overborne by the threats which he believed would be carried out'."**

L-awturi Alexander McCall Smith u David Sheldon[5], ikomplu jelaboraw hekk (dejjem fir-rigward tal-ligi Skocciza li pero` hi simili hafna dottrinalment ghal-ligi taghna in tema ta' koazzjoni):

**"It is likely that the courts would not allow the defence where the accused's reaction to the threat was an unreasonable one. The threat should be one which would cause fear in a person of reasonable firmness, and an excessively cowardly reaction to a threat would not justify the defence. The accused should therefore have good reason to believe that the person making the threat will do as he says he will do. The fact that the accused is responsible for putting himself in a position where he will be subject to coercion to commit criminal acts will probably deprive him of the right to the defence."**

---

[4] **Criminal Law**, W. Green (Edinburgh), second edition, 1996, pagna 174.

[5] **Scots Criminal Law**, Butterworths (Edinburgh), 1992, pagna 137.

Minn dan kollu jsegwi li biex tirnexxi d-difiza taht l-artikolu 33(b) imsemmi, irid jirrizulta, imqar sal-grad tal-probabbli, li kien hemm forza barranija irrezistibbli tant li l-bniedem minaccjat ma kellux triq ohra hlief li jesegwixxi dak li qed jigi mgieghel li jaghmel kontra l-volonta` tieghu.

Isegwi ukoll li jekk f'xi kaz partikolari, fejn bniedem qed ihossu jew qed jigi mhedded gravement b'xi forza barranija, tezisti l-possibilita` ragjonevoli li b'xi mod dak it-theddid u l-konsegwenzi tieghu jistghu jigu newtralizzati, allura, hu ghandu l-ewwel nett japprofitta ruhu minn dik l-opportunita`. Jekk ma jaghmilx hekk, u jesegwixxi l-att li qed jigi mgieghel li jaghmel permezz ta' dik il-forza barranija, gravi kemm huma gravi l-konsegwenzi ravvizati, allura f'dak il-kaz ir-responsabbilta` kriminali tieghu ma tkunx eskluza u l-artikolu 33(b) tal-Kap. 9 ma japplikax, u dan proprju ghax wiehed ma jkunx jista' jitkellem aktar dwar forza "irrezistibbli".

Bhalma gie osservat minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali Inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Flatley et** deciz fis-7 ta' Novembru 2002:

**"Is-semplici fatt li jkun hemm ordnijiet jew struzzjonijiet moghtija minn persuna lil persuna ohra, anke jekk tali ordnijiet jew struzzjonijiet ikunu nghataw b'insistenza jew determinazzjoni, ma jfissirx li l-persuna li tircevihom tista' tinvoka l-artikolu 33(b) u tezimi ruhha mir-responsabbilta` penali. Addirittura anke jekk tali ordnijiet jew struzzjonijiet ikunu akkompanjati b'theddid, ma jfissirx necessarjament li jkun hemm forza barranija irrezistibbli - kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, inkluz in-natura tat-theddid u l-persuna ta' l-agent attiv u ta' l-agent passiv."**

Issa fil-kaz in ezami apparti li ghandhom jinzammu in konsiderazzjoni dawn il-principji generali, fil-kaz ta' l-appellant irid jigi kkunsidrat il-fatt li huwa kien membru fil-Korp tal-Pulizija, kif ukoll il-konkluzjonijiet tal-periti psikjatri nominati mill-ewwel Qorti.

Li tkun membru fil-Korp tal-Pulizija jfisser wisq aktar milli "tghin lic-cittadin" kif xehed l-appellant. Ifisser, kif jirrizulta mill-gurament li kull bniedem jiehu meta jinhatar pulizija, li thares il-ligi u li tara li l-ligi tal-pajjiz tigi osservata minn kulhadd. Kull pulizija huwa obbligat li fil-qadi ta' dmirijietu jaghmel dak kollu li hu mistenni minnu bhala pulizija, u dan bla ebda biza' u/jew favuri. Huwa d-dover ta' kull pulizija, bhala persuna li tokkupa posizzjoni ta' awtorita`, li jesegwixxi din il-funzjoni tieghu kif mitlub u skond il-gurament li jkun ha. Il-pulizija qieghed hemm sabiex, fost doveri ohra, jipprotegi lis-socjeta` mill-kriminalita` u dan bla ebda limitazzjonijiet. Huwa ghalhekk tassew preokkupanti li l-appellant beda jassocja ruhu ma' nies ta' certa notorjeta` u ma gharafx jittronka dik l-assocjazzjoni qabel ma kien tard wisq.

L-ewwel Qorti accettat bhala fatt, li gie wkoll imqieghed quddiem il-gurati, li l-appellant gie mahkum minn dawn in-nies u li, kif qalu l-periti psikjatri fir-rapport taghhom, "kien taht certu influwenza u pressjoni minn certu nies li setghu kellhom effetti negattivi fuq l-istat mentali tieghu" u fl-ahhar xhur qabel id-delitti in kwistjoni "huwa wera sintomi ta' biza' kif ukoll ta' ansjeta` u dipressjoni, li setghu jinfluwenzaw il-liberta` ta' l-ghazla." Pero` l-psikjatri qalu wkoll li dawn is-sintomi ma kinux ta' natura jew gravita` li jammontaw ghal genn fis-sens tal-ligi, "jigifieri mard mentali ta' grad li jippriva (deprive) lill-imputat mill-kapacita` li jaghraf in-natura jew il-kwalita` ta' l-att, jew inkella mill-kapacita` ta' intenzjoni jew kapacita` volittiva." Minn dan, kif ukoll mix-xiehda ta' l-appellant stess, jirrizulta li huwa ghogbu jibda jaghmilha man-nies imsemmija b'ghazla libera tieghu. Ghalhekk sab ruhu fis-sitwazzjoni li eventwalment sab ruhu fiha minhabba dik id-decizjoni inizjali tieghu. L-ewwel dover u obbligu li kellu immedjatament li beda t-thajjir jew l-incitazzjoni ghal attivita` kriminali kien proprju li javza lis-superjuri tieghu. Minflok ma ghamel hekk ceda ghal tali incitazzjoni u nonostante li, dejjem skond l-appellant, kien hemm okkazjonijiet fejn sab xi skuza jew ohra, fl-ahhar mill-ahhar ippartecipa b'mod shih billi anke akkwista l-informazzjoni dwar x'hin kien xoghol il-vittma u allura x'hin kellu jirritorna d-dar. L-appellant jghid li fil-mumenti qabel id-delitt hassu

*"at gun-point"*. M'hemmx dubju li l-appellant kellu diversi alternattivi biex jevita l-hsara gravi li arma setghet iggib, bhalma effettivament gabet lill-vittma (Farrugia). Izda huwa baqa' ma ghamilx l-icken sforz biex jipprova jirrezisti - sahansitra seraq xi oggetti mill-karrozza misruqa li ntuzat waqt l-omicidju u li kien jaf li wara sejra tinharaq.

Apparti dan kollu, minhabba l-volontarjeta` li biha l-appellant assocja ruhu man-nies imsemmija, ma jistax allura issa jipprova jiskolpa ruhu billi jghid li l-forza barranija kienet tassew irrezistibbli. F'dar-rigward din il-Qorti diga` kellha okkazjoni ticcita b'approvazzjoni dak li ntqal f'*R. v. Fitzpatrick* [1977] N.I.L.R. 20 (**Archbold's Criminal Pleading Evidence and Practice 2003** (para. 17-126, p.1591)[6]:

**"If a person, by joining an illegal organisation or a similar group of men with criminal objectives and coercive methods, voluntarily exposes and submits himself to illegal compulsion, he cannot rely on the duress to which he has voluntarily exposed himself as an excuse either in respect of the crimes he commits against his will or in respect of his continued but unwilling association with those capable of exercising upon him the duress which he calls in aid: *R. v. Fitzpatrick* [1977] N.I.L.R. 20".**

Ghalhekk din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fid-decizjoni ovvja li hadu l-gurati li ma jilqghux l-eccezzjoni ta' l-appellant li kellu jkun ezentat mir-responsabbilta` kriminali skond l-artikolu 33(b) tal-Kap. 9.

L-appellant jilmenta wkoll li mill-korp tal-provi migjuba, il-gurati ma setghux legittimament u ragjonevolment jaslu ghal verdett ta' htija dwar it-tieni kap, u cioe` htija bhala awtur f'omicidju volontarju, izda setghu biss jaslu ghal htija ta' komplicita` fir-reat ta' ferita gravi segwita bil-mewt. Huwa jelenka r-ragunijiet tieghu hekk:

**"<u>a. L-istqarrija ta' l-akkuzat - ir-*Regina Prova*</u>**

---

6 Apell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez**, 24 ta' April 2003.

Illi huwa pacifiku fil-kaz odjern li l-unika prova diretta dwar ir-reat taht it-Tieni Kap hija l-verzjoni ta' l-esponent kif esposta fl-istqarrija dettaljatissima li huwa ghamel fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, liema stqarrija bdiet nhar it-22 ta' Marzu 1999 fil-hdax ta' filgahxija u ssoktat l-ghada 23 ta' Marzu fil-hdax ta' filghodu. Jista' liberament jinghad li l-provi l-ohra kollha fil-kaz odjern huma provi cirkostanzjali. Minn ezami akkurat ta' l-istqarrija, kif ukoll mill-assjem tal-provi, kif ser jigi elenkat aktar 'il quddiem, zgur ma setghetx, sal-grad rikjest mil-ligi, tigi dedotta l-intenzjoni omicida kif rikjest mill-Artiklu 211 tal-Kap. IX.

L-esponent, sa mill-bidu nett, bl-aktar mod konsistenti u kategoriku ghamilha cara li huwa qatt ma kellu intenzjoni li joqtol lil PC 525 Mark Farrugia. Mal-persuna riferuta bhala 'tal-bullets' qatt ma ssemma diskors dwar qtil; izda kien l-istess 'tal-bullets' li beda jaghmel pressjoni fuq l-esponent biex dawn jaghtuh ***dirsa***. Il-pjan u l-preparamenti kollha ghad-dirsa li kellha tinghata saru esklussivament minn 'tal-bullets', li *a dirittura* qal lill-esponent *"ara int taghmel xejn, hallini nahseb ghall-karrozza jien"* (stqarrija, it-tieni parti, pagna 4). Kien ukoll l-istess 'tal-bullets' li haseb ukoll ghall-balaklavi u l-ingwanti biex jintuzaw fid-dirsa. Armi u/jew munizzjon qatt ma ssemmew. Kif gie rilevat aktar 'il fuq, meta l-esponent specifikatament staqsa lil 'tal-bullets' x'kienu ser jaghmlulu lil PC Farrugia, 'tal-bullets' wiegbu: "dak halli f'idi, naghtuh tidrisa tajba, inpattuhielu u naghlqulu halqu' (stqarrija, it-tieni parti, pagna 5). Fi kliem l-esponent innifsu:

*"Ghalkemm jien bqajt ingibha ftit difficli, pero` jien bdejt naccetta il-partecipazzjoni tieghi f'dak li kien qed jigi suggerit".*

Huwa car u manifest li 'dak li kien qed jigi suggerit' kienet ***dirsa***, u konsegwentement l-intenzjoni ta' l-esponent kienet tasal biss sa hemm.

**b. Il-verzjoni ta' l-akkuzat/l-esponent**

Illi jekk wiehed, ghal mument, ihalli l-unika prova diretta, u cioe` l-istqarrija ta' l-esponent, li, kif gie sottomess, ma tinkwadra ebda intenzjoni omicida da parti ta' l-esponent,

u jaghmel ezami akkurat ta' l-assjem tal-provi l-ohra kollha, xorta wahda, sal-grad rikjest mil-ligi, ma tistax tigi dedotta l-intenzjoni omicida kif rikjest mill-Artiklu 211 tal-Kap.IX.

L-esponent, sa mill-bidu nett ta' l-interrogazzjoni tieghu fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, u konsistentement tul il-proceduri kollha, dejjem insista li huwa assolutament ma kellu ebda hsieb li jpattiha lill-vittma, imqar bl-aktar mod minimu. Gara, izda, li terzi persuni, ghal ragunijiet li jafuhom huma biss, approfittaw ruhhom mid-dizgwid zghir u insinjifikanti li kien hemm bejn l-esponent u l-vittma, u mmartellaw fl-esponent l-ideja li PC Farrugia kien haqqu jinghata 'dirsa tajba'. Konsegwentement, anke meta l-esponent, kontra l-volonta` tieghu, irrenda ruhu partecipi fir-reat, dan ghamlu biss taht l-impressjoni li PC Farrugia kien ser jinghata 'dirsa', u ghalhekk l-allegata intenzjoni omicida da parti ta' l-esponent, li akkumpanjat il-fatt materjali, hija ghal kollox inezistenti.

Ghandu jigi umilment rilevat li fl-ebda stadju l-esponent ma kien jaf bl-intenzjoni vera ta' dan 'tal-bullets', dejjem jekk wiehed kellu jassumi li 'tal-bullets' kellu ntenzjoni li joqtol lil PC Mark Farrugia. Ghall-kuntrarju, mid-dinamika tad-delitt, kif ser jigi rilevat aktar 'il quddiem, jirrizulta sal-grad tal-probabbli (il-grad rikjest mil-ligi fil-kaz ta' l-esponent), li 'tal-bullets' effettivament spara lejn il-bieb tar-residenza ta' PC Farrugia, u li kien l-istess Farrugia li, huwa u jiddritta ruhu (wara li tbaxxa biex iqieghed il-beritta tas-servizz fuq l-ghatba) inkonsapevolment pogga l-persuna tieghu fit-trajettorja tat-tir sparat minn 'tal-bullets'. B'riferenza ghas-suespost, ghandu jigi rilevat, kif xehed l-istess esponent waqt il-guri tieghu, li meta l-esponent staqsa lil 'tal-bullets' ghal xiex kien ha arma tan-nar (senter isserrat) mieghu, 'tal-bullets' kien baqa' sieket, u li meta wara ftit l-esponent rega' nsista li jkun jaf ghal xiex kien gab l-arma, 'tal-bullets' kien wiegbu b'dawn il-precizi kelmiet: *"forsi nispara"*. L-esponent umilment jissottometti li sal-mument li 'tal-bullets' tar ghal fuq in-naha tieghu u ghafas il-grillu, huwa kien taht l-impressjoni li 'tal-bullets' kellu jaghti biss xi tip ta' 'dirsa' jew 'tbezbiza' lil PC Farrugia, u certament mhux li joqtlu jew li jpoggilu hajtu

f'periklu car. Din it-tezi ssib konfort fil-fatt li kif xehed l-istess esponent, malli ra lil PC Farrugia jaqa' ma' l-art, huwa, imrieghed, qal lil 'tal-bullets': *"X'ghamiltli, x'ghamiltli, x'ghamiltli!"*.

**c. Mottiv**

Harsa zghira lejn 'ir-raguni', li ma hi bl-ebda mod kontradetta, li allegatament wasslet lill-esponent ikun partecipi f'azzjoni kontra PC Farrugia hija ndikattiva ta' l-intenzjoni li akkumpanjat lill-esponent waqt il-fatt materjali. Jirrizulta mill-provi li PC Farrugia kien 'halla tieqa' lill-kollega tieghu l-esponent, meta fir-rapport ma nizzilx li l-*insurance* u l-licenzja kienu skaduti. Kif xehed l-Ispettur Mario Bonnici nnifsu:

*'Mark kien irrizultalu li l-licenzja ma kinitx imhallsa u l-insurance ma kinitx rinnovata, imma ghal xi raguni ma nizzilhomx … halla tieqa, forsi ghax kollega tieghu halla tieqa, m'ghalaqx il-bibien.'*

Barra minn hekk, effettivament kien is-Surgent Michael Carter li awtorizza c-*charges* kontra l-esponent u mhux PC Mark Farrugia. Jirrizulta wkoll mill-provi li l-esponent kien mar ha parir legali meta rcieva l-komparixxi relattiva. Meta wiehed juza l-bwon sens tieghu u jqis dawn il-fatturi, kif ukoll il-fatt li l-esponent kien Kuntistabbli tal-Pulizija, wiehed ma jistax ragjonevolment jahseb li l-esponent ma kienx jaf li l-akkuzi mahruga kontrieh mill-vittma u awtorizzati mis-Surgent Carter ma kinux xi akkuzi serji, izda kienu biss ta' natura kontravvenzjonali.

F'dawn ic-cirkostanzi, anke jekk ghas-sahha ta' l-argument wiehed kellu jassumi li l-esponent ried b'xi mod ipattiha lill-kollega PC Farrugia, wiehed ma jistax ragjonevolment jaccetta li rapport ta' kontravvenzjoni jista' jnibbet intenzjoni omicida fil-persuna rraportata. *A contrario sensu*, huwa ragjonevolment aktar plawsibbli li l-unika intenzjoni li seta' kellu l-esponent kienet proprju, f'cirkostanzi estremi, li jakkumpanja lil terzi biex jaghtuh tbezbiza.

**d. L-intenzjoni**

Illi kif ben irrizulta mill-atti, filwaqt illi l-intenzjoni tat-terza persuna ('tal-bullets') kienet li joqtol lil PC Farrugia - intenzjoni li fl-ebda hin u taht l-ebda cirkostanza ma giet ikkomunikata lill-esponent - l-intenzjoni ta' l-esponent, meta effettivament, b'certa pressjoni, iddahhal fil-partecipazzjoni ta' l-att, kienet li jkun partecipi fi tbezbiza (dirsa). La darba kien hemm intenzjonijiet mhux komuni bejn it-terza persuna u l-esponent, huwa legalment korrett jinghad li l-intenzjoni li kellha t-terza persuna ma sewtghet qatt tigi attribwita lill-esponent u ghalhekk l-esponent kellu biss jirrispondi ghal dik l-azzjoni rizultanti mill-intenzjoni tieghu, u cioe` li biss jaghti dirsa.

Illi l-esponent bl-akbar rispett, tant huwa konvint minn din il-posizzjoni legali li kull ma jaghmel huwa li jirreferi ghad-direzzjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti Kriminali lill-gurati fl-indirizz taghha dwar ir-reat ta' ferita gravi segwita bil-mewt, liema direzzjoni tant kienet l-aktar wahda preciza mill-andament tal-guri li kellha ragjonevolment tkun riflessa fil-verdett tal-gurati, ghal dak li jirrigwarda t-Tieni Kap.

Illi in linea ma' l-argumentazzjoni hawn esposta, naturalment maghmula a bazi tal-fatti kif rizultanti, l-esponent huwa ta' l-umli fehma li l-gurija setghet biss tasal, skond il-ligi, ghal htija ta' komplicita` fir-reat ta' ferita gravi segwita bil-mewt, reat kompriz u nvolut fir-reat ta' omicidju volontarju kif effettivament migjub fit-Tieni Kap."

Minghajr pregudizzju ghal dan l-ilment l-appellant imbaghad jghid li, in pessima ipotesi, huwa kellu jinstab hati bhala komplici fir-reat ta' omicidju volontarju u mhux bhala awtur ta' l-istess. Ghalhekk jissottometti:

"**a. Id-dinamika ta' l-isparatura**

Illi jista' jigi rilevat bhala stat ta' fatt mhux suggett ghal kontradizzjoni li t-tir laqat lil PC 525 Mark Farrugia go dahru. Wiehed jista' ghalhekk ragjonevolment jassumi li fil-mument li ntlaqat Farrugia, huwa kien wiccu lejn il-bieb

tar-residenza tieghu u dahru lejn it-triq. Kif jirrizulta pacifikament mill-provi, l-isparatura sehhet minn go karrozza, li mbaghad allontanat ruhha bis-sahha minn fuq il-post. Il-fatt li PC Farrugia ma kellux ic-cans idur malli sema' vettura gejja bis-sahha fid-direzzjoni tieghu fis-sieghat bikrin ta' filghodu, jissuggerixxi, bla ebda dubju ragjonevoli, li l-isparatura sehet f'hakka t'ghajn. Malli l-vettura waslet biswit PC Farrugia sehhet l-isparatura, tant li PC Farrugia kien ghadu lanqas dar biex jara x'kien qed jigri, f'liema ipotesi, Farrugia kien jintlaqat f'wiccu jew sidru u mhux go dahru. Jekk wiehed, a skans ta' ripetizzjoni, iwarrab ghal mument l-istqarrija ta' l-esponent (l-unika prova diretta fil-kaz odjern) u x-xiehda tieghu, wiehed xorta, jekk juza l-bwon sens tieghu, ragjonevolment jasal ghall-konkluzjoni, almenu sal-grad rikjest mil-ligi tal-probabbli, li l-persuna li effettivament sparat it-tir ma kinitx l-istess persuna li kienet qed issuq. L-esponent umilment jissottometti li ma huwiex umanament possibbli li persuna taghfas il-*brake* tal-karrozza, iddur, taqbad l-arma, tohrogha mit-tieqa, tiehu mira, u tispara, u dan kollu f'hakka t'ghajn, jew *fraction of a second*, tant li l-vittma kien ghadu lanqas dar.

**<u>b. L-opinjoni ta' l-esperti tal-ballistika</u>**

Illi l-umli sottomissjoni precedenti ta' l-esponent issib il-konfort, jekk mhux il-korroborazzjoni, fl-opinjoni li taw l-esperti tal-ballistika, in partikolari l-Brigadier Maurice Calleja, waqt il-guri. Is-Sur Calleja, minbarra li esprima l-opinjoni li t-tir kien wiehed b'mira tajba u li aktarx kien sparat minn xi hadd li jaghmel dan ix-xoghol tajjeb, specifika wkoll li *'il-passiggier kien ikun aktar komdu biex jispara'*.

**<u>c. Ir-*reconstruction* tal-Pulizija</u>**

Illi l-esponent umilment jissottometti li sahansitra r-rikostruzzjoni tad-dinamika tad-delitt, li saret mill-ufficjali tal-Pulizija li kienu qed jinvestigaw il-kaz, saret b'aktar minn persuna wahda fil-karrozza, bil-persuna li tispara tkun dik bilqieghda fuq is-seat tal-passiggier biswit ix-xufier, u mhux ix-xufier innifsu.

**d. L-involviment tat-terza persuna**

Huwa evidenti li kienet terza persuna li kienet l-awtur ta' l-atti inkriminanti mill-bidu sa l-ahhar. Kienet din il-persuna li serqet il-vettura Toyota; kienet l-istess persuna li pprokurat il-balaklavi u l-ingwanti li kellhom jintuzaw fid-dirsa; kienet l-istess persuna li hasbet ghall-petrol u ghall-hruq tal-vettura Toyota (dan ha hsieb verament li din tinharaq peress illi nizel u taha n-nar ghat-tieni darba).

Illi dan l-involviment partikolari ta' din it-terza persuna huwa fattur mhux biss rikonoxxut izda formalment dikjarat mill-Avukat Generali li rrediga l-Att ta' Akkuza 10/1999. Fil-fatt, fl-Ewwel Kap, l-Avukat Generali akkuza lill-esponent b'*ricettazzjoni* tal-vettura Toyota, u mhux bis-serq taghha. L-istess jista' jinghad ghat-Tielet Kap, fejn l-esponent gie akkuzat bhala *komplici* u mhux bhala awtur fil-hruq ta' l-istess vettura. B'kull rispett, u b'riferenza ghall-provi rizultanti mill-atti, l-esponent umilment jissottometti li l-involviment ta' din it-terza persuna, liema involviment huwa pacifikament accettat li kien jezisti ezatt qabel u ezatt wara d-delitt, kien ukoll jezisti fil-waqt proprju tad-delitt, tant li kif gie sottomess aktar qabel, kienet effettivament din it-terza persuna li sparat fid-direzzjoni tar-residenza jew tal-persuna ta' PC 525 Mark Farrugia."

Minn ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi, jikkunsidraw il-linji ta' difiza kollha mressqa fid-dawl ta' dawk il-provi u jaraw ukoll liema verzjoni setghu jaghtuha affidament, cioe` dik prospettata mill-prosekuzzjoni li kien proprju l-appellant li spara lil P.C. 525 Mark Farrugia jew inkella jekk jaccettawx il-verzjoni ta' l-appellant li kienet il-persuna l-ohra li l-appellant dejjem sostna li kienet riekba mieghu li sparat, persuna li l-appellant qatt ma identifikaha.

Irid jigi osservat li huwa veru li l-gurati sabu lill-appellant hati tat-tieni kap ta' l-att ta' akkuza bi tmien voti favur u

wiehed kontra. Ma jistax pero` necessarjament jinghad, kif qieghed isostni l-appellant, li huma sabuh hati bhala awtur u mhux bhala ko-awtur. Difatti minn ezami ta' l-indirizz jirrizulta li l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien spjega d-differenza li tghaddi bejn awtur, ko-awtur u komplici. Dwar id-distinzjoni li tghaddi bejn awtur u ko-awtur huwa spjegaha hekk:

"Issa fil-kaz pero` illi ghandek tnejn minn nies, niehdu qtil, bniedem qed igorr sikkina, bniedem qed igorr revolver, u dawn l-istess tnejn minn nies ghandhom il-hsieb li joqtlu lil xi hadd, xi persuna. Is-sens komun jew il-bwon sens, jghidlek illi wiehed ser jispara. Jiena ma nistax nimmagina tnejn minn nies, izommu revolver u jisparawh it-tnejn, jghafsu l-grillu. Wiehed ser jaghfas il-grillu. F'dan il-kaz jekk hemm il-hsieb bejniethom, wiehed huwa l-awtur, dak li fil-fatt jispara u l-iehor li jkun mieghu li ma jisparax, galadarba ghandu l-istess hsieb li joqtlu, u la qieghed hemm jiehu parti attiva - din importanti, sinjuri gurati, mhux il-hsieb biss, li qed jiehu parti attiva - f'dak il-kaz it-tieni persuna li ma tisparax li qed tiehu parti attiva, dik hija l-ko-awtur.

Mela ghandek l-awtur li jispara, il-ko-awtur li jkun mieghu bl-istess hsieb, qieghed jaghti s-sehem tieghu b'mod attiv, u f'dak il-kaz, din it-tieni persuna hija l-ko-awtur.

Issa l-ligi sinjuri gurati, l-awtur u l-ko-awtur tpoggihom fuq l-istess livell. Jigifieri l-ko-awtur, li ma jkunx hu li spara, li ma jkunx hu li ta d-daqqa ta' sikkina, pero` jkollu l-istess hsieb tal-attur u jkun ha parti attiva, il-ligi li f'dak il-kaz il-ko-awtur tqisu daqs l-awtur, daqs li kieku kien hu li spara, daqs li kieku kien hu li ta d-daqa ta' sikkina. Mela l-awtur u l-ko-awtur, il-ligi tqishom l-istess."

U aktar tard meta l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien qieghed jispjega l-verdett kampjun, fost il-verdetti dwar it-tieni kap spjega li f'kaz ta' sejbien ta' htija jfisser li l-Avukat Generali "jkun wassalkom sal-grad tac-certezza morali illi kien Etienne Carter li qatel, li spara, jew kien il-ko-awtur fil-qtil ta' Mark Farrugia". Fil-verdett taghhom dwar it-tieni

kap, il-gurati semplicement qalu li qed isibuh hati taht it-tieni kap bi tmien voti kontra wiehed.

Evidentement il-gurati, li kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha, waslu ghall-konkluzjoni li ma jaghtux affidament ghall-verzjoni ta' l-akkuzat li huwa ma kellux l-intenzjoni li joqtol lil Mark Farrugia u li l-unika intenzjoni tieghu kienet li jtuh "dirsa tajba", ossia "xebgha tajba".

Din il-Qorti ezaminat b'mod approfondit il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda, l-istqarrijiet ta' l-appellant u d-dokumenti l-ohra esibiti, u hasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet li saru fir-rigward tad-difizi li l-appellant qajjem, u l-konkluzjonijiet taghha huma dawn li gejjin:

1. Bhala fatt jirrizulta bla dubju ta' xejn li fl-20 ta' Marzu 1999 P.C. 525 Mark Farrugia inqatel b'tir ta' senter isserrat fil-mument li kien se jidhol id-dar wara li kien irritorna mix-xoghol.

2. L-appellant jinnega li kien hu li spara lil P.C. Farrugia izda jammetti li kien qieghed isuq il-vettura li fiha kien riekeb passiggier (innominat, hlief bil-laqam "tal-bullets") li spara lil P.C. Farrugia.

3. L-appellant jinnega wkoll li kellu l-intenzjoni li joqtol jew li jigi maqtul P.C. Farrugia.

4. L-appellant baqa' ma rrivela qatt l-identita` tal-persuna li allegatament kienet mieghu fil-vettura fil-hin tad-delitt u baqa' biss jirreferi ghaliha bhala "tal-bullets".

5. Huwa evidenti li l-gurati, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konoxxenza taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda magistralment kondotta mill-prosekuzzjoni u mid-difiza, wara accessi fuq il-post tad-delitt, fuq il-post fejn instabet mahruqa il-karrozza wzata waqt l-esekuzzjoni tad-delitt, u fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fl-ufficcju fejn saret l-interrogazzjoni ta' l-appellant, wara li kellhom l-opportunita` jaghmlu l-mistoqsijiet kollha

li dehrilhom mehtiega lix-xhieda u jqisu "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u b'mod partikolari ta' l-appellant stess li xehed fuq medda ta' tlett ijiem, u "tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap.9), ikkonkludew bi tmien voti favur u wiehed kontra li l-appellant huwa hati skond it-tieni kap ta' l-att ta' akkuza.

6. Ma jistax jinghad li l-provi huma tali li jeskludu l-htija ta' l-appellant skond dan it-tieni kap, imqar jekk bhala ko-awtur. Difatti *"il-korreu mhux ristrett ghal dak biss li kien l-esekutur dirett ta' l-att konsumattiv izda jikkomprendi anke dawk li jippartecipaw f'kooperazzjoni diretta essenzjali ghall-esekuzzjoni tar-reat"* (Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Nazzareno Briffa et**, 3 ta' Frar 1984 - Vol. LXVIII.v.309; ara wkoll Appell Kriminali Superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Dimech**, 24 ta' Settembru 2004 u Appell Kriminali Inferjuri **Il-Pulizija v. Salvu Muscat**, 9 ta' Novembru 1957 - Vol. XLI.iv.1484):

a) L-appellant ammetta li l-iskop tieghu u tal-persuna l-ohra kienet li lil P.C. Farrugia "jaghtuh dirsa tajba, ipattuhielu u jaghlqulu halqu".

b) Sar pjan pjuttost elaborat, allegatament mill-persuna l-ohra, li tintuza karrozza misruqa u li wara din tinharaq - kif effettivament sar.

c) Meta ltaqghu qabel ma twettaq id-delitt l-appellant kien konxju mill-fatt li dik il-persuna l-ohra kienet gabet senter isserrat maghha u zewgt iskratac (li huwa stess identifika bhala tat-tip "Magnum"), apparti zewg balaklavi u ingwanti.

d) Skond l-istqarrija li huwa rrilaxxja lill-Pulizija, l-appellant saqsa lil dik il-persuna ghal darbtejn x'ser jaghmel u dak wiegbu li sejjer jisparalu (lil P.C. Farrugia).

e) Meta kien qieghed jixhed biddel dik il-verzjoni u qal li l-iehor wiegbu li "forsi jispara".

f) L-appellant xorta kompla bil-partecipazzjoni tieghu u ma jirrizultax li oggezzjona b'xi mod.

g) Il-mottiv deher pjuttost trivjali, izda hemm imbaghad dak li stqarr l-istess appellant li l-persuna l-ohra sahhnitu ghal P.C. Farrugia b'tali mod li "giet qisha paranoja".

h) Hemm ix-xiehda ta' Carmelo Camilleri, prigunier fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, fis-sens li madwar erba' xhur qabel l-omicidju ta' P.C. Farrugia, l-appellant kien skorta mieghu l-Isptar u l-appellant saqsieh kellux xi arma tan-nar ghall-bejgh. Ix-xhud qal li huwa wiegeb, ghalkemm dan ma kienx minnu, li kellu "Colt" u l-appellant talbu jbighhulu ghax ried ipattiha lil xi hadd li kien irrapportah fuq kollizjoni. Dan ix-xhud zied jghid li fit-13 ta' Marzu 1999 l-appellant rega' kien skorta mieghu l-Isptar u l-appellant rega' gablu d-diskors fuq il-"Colt" biex ibighhulu. Josianne Agius, bint Carmelo Camilleri, qalet li fit-13 ta' Marzu 1999 kienet l-Isptar ma' missierha li kien gie skortat hemm mill-habs mill-appellant u semghet lill-appellant jghid li ried jixtri revolver ghax ried ipattiha lil xi hadd. L-appellant cahad dan kollu izda qal li waqt li qieghed jitkellem ma' Camilleri, dan kien qieghed jghidlu li jrid ipattiha lil xi hadd billi jisparalu u hu ried jaqleb id-diskors u saqsieh jekk ghandux arma sabiha ghax dilettant u Camilleri wiegbu li ghandu "Colt". L-appellant sostna li dan id-diskors sar fil-prezenza tat-tifel ta' Camilleri u mhux tat-tifla. Dwar Josianne Agius anzi indika li din kienet tipprova tittantah u hu rrifjutaha. Ta' min izid pero` li P.C. 568 Michael Zammit, membru ta' l-S.R.T. fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin xehed li fit-23 ta' Marzu 1999 kien dahal hdejh Camilleri u fuq kumment li ser jitressaq xi pulizija in konnessjoni ma' l-omicidju ta' P.C. Farrugia, dan ix-xhud qal li kien certu Carter u meta gie identifikat bhala l-appellant, Camilleri wiegeb fis-sens li sewwa kien qallu (l-appellant) mela li kien hemm pulizija mqabbad mieghu u jpattihielu.

i) Fuq gakketta u qalziet ta' l-appellant instabu fuq kull indument particella wahda ta' *gun shot residues* (ara

rapport ta' l-Ispizjar Mario Mifsud, Charles Muscat u Joseph Belli a fol. 652 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni).

j) Fuq l-i*steering wheel* u l-*gear lever* tar-Range Rover GAB-474 ta' l-appellant instabu erba' particelli ta' *gun shot residues* (ara rapport iehor ta' l-Ispizjar Mario Mifsud, Charles Muscat u Joseph Belli a fol. 1076 ta' l-atti tal-kumpilazzjoni).

k) Il-vittma kien wieqaf meta gie sparat it-tir u mhux verosimili li ddritta ruhu biex pogga l-persuna tieghu fit-trajettorja tat-tir wara li dan gie sparat.

l) L-esperti ballistici kkonfermaw li t-tir seta' gie sparat kemm mix-xufier kif ukoll mill-passiggier ghalkemm kien ikun aktar facli ghall-passiggier biex jispara, specjalment jekk xellugi. Ma saret l-ebda prova pero` dwar jekk xi hadd mill-persuni involuti kienx xellugi.

7. Is-sitwazzjoni ma kkristallizzatx ruhha b'mod illi fuq bazi ta' probabilita` il-gurati kellhom ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li kien jissussisti d-dubju ragjonevoli fit-tezi tal-prosekuzzjoni, imqar jekk, kif diga` nghad, bhala ko-awtur.

8. Ghalhekk is-sitwazzjoni fattwali kienet tali li l-gurati setghu ma jemmnux lill-appellant dwar l-intenzjoni tieghu u dwar ic-cirkostanzi kif spjegati minnu ghax hemm cirkostanzi u provi li huma ugwalment kapaci li jitwemmnu u li l-gurati kienu perfettament intitolati li jemmnu.

Ghaldaqstant l-aggravju fil-mertu huwa michud.

L-ahhar aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jghid li jirrikonoxxi u jikkondividi pjenament il-konsiderazzjonijiet li hadet l-ewwel Qorti in materja ta' piena, izda huwa tal-fehma li c-cirkostanzi partikolari tal-kaz kellhom jattiraw piena anqas harxa minn dik imposta. Jirreferi mill-gdid ghall-konkluzjoni tal-periti psikjatrici li tikkonferma li kienu jezistu pressjoni u kondizzjonament ta' certu entita`. Inoltre jirrimarka li l-kaz odjern inbena sostanzjalment fuq l-istqarrija u l-kooperazzjoni ta' l-appellant stess. Fl-

ahharnett jirreferi ghat-talba tal-gurati ghal klemenza u li ghandha tigi riflessa f'piena anqas harxa.

Dwar il-piena jrid jinghad l-ewwel nett li l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat, u fil-kaz in ezami m'hemm l-ebda dubju li l-ewwel Qorti kkunsidrat dak kollu li kien hemm x'jigi kkunsidrat qabel ma ghaddiet biex timponi l-piena.

Irid jinghad mill-ewwel li l-appellant kien membru tal-Korp tal-Pulizija. Bhala tali kellu l-obbligu li jissorvelja li reati ma jsirux jew li jimpedixxi li jsiru u, jekk jonqos f'dak id-dmir u jikkommetti reat, skond l-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali jehel, meta jinsab hati li kkommetta tali reat, il-piena stabbilita ghal dak ir-reat mizjuda bi grad. Dan l-aggravanti fil-fatt huwa applikabbli ghal kull wiehed mill-kapi ta' l-akkuza dedotti kontra l-appellant.

Il-pieni mitluba mill-Avukat Generali f'dan il-kaz kienu: dwar l-ewwel kap prigunerija minn sentejn sa disa' snin, dwar it-tieni kap prigunerija ghall-ghomor, dwar it-tielet kap prigunerija minn tmintax-il xahar sa hames snin, u dwar ir-raba' kap prigunerija minn xahrejn sa erba' snin.

L-appellant instab hati mill-gurati unanimament dwar l-ewwel, it-tieni u r-raba' kapi u bi tmien voti kontra wiehed tat-tieni kap.

F'dawn ic-cirkostanzi, u meta wiehed iqis li dan il-kaz kollu kien jirrigwarda t-tehid ta' hajja ta' pulizija zaghzugh u ezemplari minhabba li kien qieghed jaghmel id-dover tieghu, difficilment din il-Qorti tista' tasal biex tghid li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti kienet harxa wisq. Ghall-kuntrarju kienet tirrispekkja sew kemm is-sejbien ta' htija minn banda u mill-banda l-ohra t-talba ghall-klemenza ta' l-istess gurati.

Ghalhekk anke dan l-aggravju huwa michud.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------